



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15347/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0386 (NLE)

TRANS 750
RELEX 1612

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt
stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u
r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, fir-rigward
tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u
l-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq¹ (“il-Ftehim”) ġie ffirmat mill-Unjoni f’konformità mad- Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165² u ġie applikat b’mod provviżorju mid-29 ta’ Ġunju 2022.
- (2) L-Artikolu 6(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina perjodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu.
- (3) L-Artikolu 6(6) tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.
- (4) Kif stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, il-Ftehim għandu japplika sal-31 ta’ Marzu 2023. Madankollu, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa’ sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta’ dan il-Ftehim.
- (5) Sabiex kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Repubblika tal-Moldova jkomplu jibbenefikaw mill-Ftehim, jenħtieġ li dan jittawwal sat-30 ta’ Ġunju 2024.

¹ ĠU L 181, 7.7.2022, p. 4.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165 tas-27 ta’ Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 181, 7.7.2022, p. 1).

- (6) Matul il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet li jadottaw ir-regoli ta' proċedura tiegħu u dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu.
- (7) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, peress li d-deċiżjonijiet tiegħu ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitati Konġunti għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-deċiżjonijiet meħmuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (“il-Ftehim”), fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta’ proċedura tiegħu u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma’ din id-Deciżjoni¹.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu fuq tibdiliet minuri fl-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokumenti ST 15347/22 ADD 1 u ST 15347/22 ADD 2 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.